# ASSEMBLEA ĠENERALI

Il-ħames Assemblea Ġenerali saret fil-post ta' talb tal-Girgenti nhar il-ħadd 16 ta' Lulju 1995 fil-preżenza ta' Ġuża Mifsud u Dun Nazzaren Tonna. Wara li ingħad ir-Rużarju, is-Segretarja qrat il-minuti tal-Assemblea Ġenerali ta' qabel u l-President qara ir-rapport amministrattiv għas-snin 1993-1995 fejn ta ħarsa lejn ix-xogħol li wettaq il-Kumitat fl-aħħar sentejn. B'mod speċjali semma x-xogħol li kompla jsir fil-post u li sfortunatament mexa bil-mod wisq u l-isforzi tal-Kumitat biex tinbena latrina. Huwa għalaq id-diskors tiegħu billi qal, "Jiena nixtieqkom titolbu biex dan il-Moviment ikun moviment spiritwali qawwi u jkun ta' ispirazzjoni għal dawk in-nies li tilfu t-triq tal-fidi u tat-tama f'Alla u biex ikun ta' ħeġġa akbar għal dawk li huma mimlija bl-imħabba lejn il-Madonna." Wara li l-Kaxxiera qrat ir-rapport finanzjarju il-Kumitat ġie xolt.

Imbagħad saret il-votazzjoni għall-membri l-ġodda. Ikkontestaw din il-votazzjoni tlettax-il persuna li minnhom ġew eletti għaxra. Il-Kumitat elett għas-snin 1995-997 huwa ffurmat minn dawn il-persuni: Miss Ġuża Mifsud *President Onorarja;* Rev. Dun Nazzaren Tonna *Direttur Spiritwali*; Philip Azzopardi A & C.E. *President*; Charles P. Attard *Viċi President*; Sylvana Spiteri LL. D. *Segretarja*; Robert Mifsud *Kaxxier*; Albert Azzopardi *Assistent Kaxxier*; Bro. Victor Privitera F.S.C. *Membru*; Bonello Kristino *Membru*; Nikol Cachia *Membru*; Gladys Campbell *Membru*; Micallef Alfred *Membru*;

## AVVIŻI

1. Il-Kumitat iddeċieda li ma jkunx hemm aktar Posters li jitqassmu biex iħabbru d-data u l-ħin tal-laqgħat ta' Talb, il-Girgenti; u lanqas ikun hemm avviżi fil-gażżetti. Però, ikun hemm *black-board* quddiem l-istatwa tal-Madonna bid-data u l-ħin tal-laqgħat.
   Ġeneralment dawn il-laqgħa isiru fl-ewwel Ħadd tax-xahar u t-tielet Ħadd (għar-Rużarju). Il-ħin ibiddel skond l-istaġun.
2. Kif kontu avżati minn qabel, fis-16 ta' Lulju, saret l-Assemblea Ġenerali u ntgħażel il-Kumitat il-ġdid. Hawn irridu niżżu ħajr lil min m'għadux fil-kumitat.
   Il-Perit Carmelo Falzon, għal żmien twil kien Viċi-President u dan l-aħħar, Assist. kaxxier;
   Is-Sur Tony Vella minbarra li kien membru tal-kumitat kien ukoll il-kuntrattur għax-xogħol kollu tal-ġebel li sar fil-post fejn niltaqgħu, il-Girgenti. Ħadem ukoll biex ġabilna statwi żgħar tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni.
   Fl-istess ħin nawguraw lill-membri kollha tal-Kumitat il-ġdid ħidma siewja fi ħdan il-Movimenti tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, għas-sentejn li ġejjin.
3. Navżaw li qed jiġu stampati is-sitt ktieb, bil-Malti, u l-ħames ktieb, bl-Ingliż, tas-serje "Titular Ġdid..." Nittamaw li ma jdumux ma jkunu għall-bejgħ.

Pubblikazzjoni Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 24 OTTUBRU 1995 JITQASSAM BLA ĦLAS



**Ġuża Mifsud u l-Kurċifiss il-kbir, il-Girgenti. Fil-fond, il-Madonna tal-Konsagrazzjoni, pittura ta' Mario Camilleri Cauchi, li ħallsu għaliha il-mibki John Scicluna u l-mara tiegħu, minn H'Attard.**

# IT-TALB TAGĦNA (1)

## X'jaħsbu n-nies

Min jattendi għal-laqgħat ta' talb il-Girgenti, jaf kemm Ġuża Mifsud tinsisti fuq it-talb. Jiġu ħafna jitolbu, il-Girgenti, mhux biss fil-laqgħat imma wkoll matul il-ġimgħa. Parti minn dawn in-nies jiġu għax ikunu jridu jaqilgħu xi grazzja permezz tal-Madonna. Dan l-aħħar, kif kont qiegħed ngħid ir-rużarju quddiem il-Madonna, ġie raġel u qagħad ħdejja, u qalli; "Il-Madonna m'għadhiex taqla' grazzji". Staqsejtu għaliex. Wieġeb: "Għax ili nsofri uġigħ f'riġli u l-Madonna ma tridx tfejjaqni!" Allura jien ippruvajt nispjegalu x'inhu t-talb.

Jekk issaqsi lil xi ħadd x'inhu t-talb, x'taħseb li tkun it-tweġiba? Aktarx jgħidlek li: "Tgħid il-Missierna, is-Sliema, jew xi talba miktuba fi ktieb tat-talb, jew tgħid ir-rużarju jew tisma' l-quddies biex taqla' xi grazzja." Il-biċċa l-kbira tan-nies moħħhom biex jaqligħu l-grazzji: xi fejqan mill-mard, ħarsien minn xi nkwiet, li tirnexxi xi operazzjoni, isibu x-xogħol eċċ... Aktarx li jagħmlu lilhom infushom u l-bżonnijiet tagħhom iċ-ċentru tat-talb kollu tagħhom. M'hemm xejn ħażin li nitolbu 'l Madonna taqlagħlna l-grazzji; imma dan mhux biżżejjed. Jekk naqraw il-Vanġelu malajr nitgħallmu x'inhu t-talb, kif għandu jsir u x'għandna nitolbu.

## Il-"Missierna" mudell ta' talb

X'għallimna Ġesù fil-Missierna?

L-ewwel nett ifakkarna li Alla ħalaqna u għalhekk aħna tiegħu bħala Missierna li jħobbna bħala uliedu; lejh għandna dmirijiet li ma nistgħux ninsew. L-imħabba t'Alla għandha tkun is-sies (il-pedament) tal-ħajja nisranija tagħna għax mingħajr din l-imħabba ma jistax ikun hemm reliġjon vera.

Issa l-imħabba turi ruħha billi tixtieq l-akbar ġid lil min tħobb. Għalhekk Ġesù beda t-talba tiegħu hekk: "Missierna li inti fis-smewwiet JITQADDES ISMEK, TIĠI SALTNATEK..." Allura hawnhekk jidħol l-ewwel dmir tagħna li naduraw 'l Alla u nixtiequ li jkun imfaħħar u meqjus bħala sid ta' kulħadd biex tiġi s-Saltna tiegħu. Meta nitolbu imissna, qabel xejn, inqegħdu ruħna fil-preżenza ta' Missierna u nadurawh billi ntuħ l-ogħla ġieħ u l-qima li ħaqqu. Nixtiqulu li tiġi s-Saltna tiegħu fina lkoll billi ssir ir-Rieda tiegħu fl-art kif issir fis-sema. Ngħidu lill-Missier Etern li aħna noqgħodu għar-Rieda tiegħu b'imħabba u fiduċja sħiħa. Talb li mhux marbut mar-Rieda t'Alla ma jiswa xejn.

Imbagħad nitolbu 'l Alla jieqaf magħna u jipprovdilna dak li jeħtiġilna għal din il-ħajja. Alla jaf x'għandna bżonn u għalhekk m'għandniex noqgħodu nintilfu f'ħafna kliem biex nispejgaw 'l Alla x'nixtiequ.



Meta Ġesù jgħidilna nitolbu maħfra ta' dnubietna iġiegħelna norbtu din il-maħfra mal-maħfra li għandna nagħtu lil ħaddieħor tan-nuqqasijiet tiegħu lejna, għax l-imħabba t'Alla timxi id f'id mal-imħabba tal-proxxmu. Jekk m'hemmx din lanqas ikun hemm l-oħra! Għalhekk meta nitolbu b'dawn is-sentimenti inkunu nistgħu ngħidu lil Missierna biex jgħinna ma naqgħux fit-tentazzjoni.

## L-għan ta' kull talb

Minn dan li għallimna Ġesù nistgħu nifhmu li fit-talb tagħna għandna nfittxu: l-ewwel nett il-Glorja u r-Rieda t'Alla; it-tieni, li nirringrazzjawh tal-imħabba li uriena u ta' dak kollu li għamel għalina; it-tielet, nitolbuh maħfra ta' dnubietna u biex itina s-saħħa spiritwali biex nirreżistu għat-tentazzjoni; u, fl-aħħar nett, b'fiduċja kbira inqegħdu quddiemu, fi ftit kliem, il-bżonnijiet tagħna.

Hemm ħafna aktar x'wieħed jgħid fuq it-talb u hemm ħafna x'wieħed jitgħallem mill-qari tas-sitt kapitlu tal-Vanġelu ta' San Mattew.

**L-Editur**

# SILTIET MIL-LAQGĦAT FIL-GIRGENTI
## Miġbura minn Dr. Sylvana Spiteri

### MEJJU 1995

Din il-laqgħa li ħabtet fl-għeluq id-disa' sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti, bdiet b'pellegrinaġġ minn ħdejn il-pont. Matul dan il-pellegrinaġġ, il-fidili imxew wara l-Kurċifiss u l-bandalora tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni; intqal ir-rużarju u ġew immeditati l-misteri tat-tbatija.

Matul din il-laqgħa inqara messaġġ li Ġuża irċeviet minn Ġesù ta' l-Ewkaristija fit-3 ta' Mejju 1995. "... Jiena ħa ngħidlek illi Jiena ħa ngħinek ħafna. Akkost ta' kollox illi inti din il-ġimgħa ħsibt ħafna li ħa tagħti l-abbandun tad-dinja, illi inti m'intix ħa titla' l-Ħadd, imma jiena ħa ngħidlek li l-Ħadd ħa titla', ħa tagħmel suċċess b'ilsienek: li tfaħħar lis-sema, li tfaħħar lili, lill-Missier li għandna fis-sema, Jiena u int u kull maħluq li hawn fid-dinja li huma ta' rieda tajba għax dawk kollha li ma humiex ta' rieda tajba ma jistgħux iħarsu lejn is-sema u jgħidu, 'Hemmhekk għandna dak il-Missier li ħalaqna, għanda lil Ġesù fis-sema u fl-Ewkaristija li fdiena bil-passjoni u l-mewt Tiegħu.' Dawk ma jistgħux jgħiduh dan id-diskors... Tibżax tgħid li dawk li huma 'l bogħod minn Alla, dawk ma jistgħux jirċievu ċertu affarijiet, ċertu doni. Jistgħu jirċievu l-maħfra u s-sogħba jekk jitolbu l-maħfra lill-Mulej Alla u lili imma ċertu affarijiet ma jistgħux jirċevuhom jekk ma jkunux eżatt fil-grazzja tat-tliet persuni divini tas-Santissima Trinità għax dawk li jgħidu, "Ma nagħarfuhx lil Alla, ma narawhx lil Alla, ma nagħarfuhx lill-Mulej Ġesù, il-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija aħna għalina Hu u xejn xorta, dawk m'humiex ħa jaqalgħu grazzji perpetwi, spiritwali..."'

Ġuża qalet, "Hawn ħafna nies li jonqsu kontra l-imqaddsa purità, ma jżommux ruħhom fil-paċi, ikunu ta' skandlu għal ħaddieħor, jisfurzaw lil ħaddieħor għad-dnub... Meta nżommu l-imqaddsa purità kif irid Alla nkunu qaddisin minn din id-dinja, jaħasra u ma jkollniex ġibdiet ħżiena, ma jkollniex dawk il-ġibdiet tad-dimonju... Il-Madonna użatha ħafna l-imqaddsa purità f'ħajjitha. Meta dehrilha l-anġlu wkoll tħawdet għax il-Madonna tant kienet tħobbha l-imqaddsa purità. U aħna għal kull xejn jaħasra, hawn irġiel jew żgħażagħ jew nisa li jmorru kontra r-rieda t'Alla, kontra l-imqaddsa purità, jidinbu kontra tagħha..."

## ĠUNJU 1995

Wara li tellgħulha l-Kurċifiss il-kbir ħdejha Ġuża qalet, "Għalfejn qegħdin insallbuh mill-ġdid lil Ġesù Kurċifiss?... Kemm qegħdin nagħmlu ħażin aħna f'Malta, dawn li qegħdin fid-dlam li jgħidu li m'hawnx Alla! Għalfejn maħbub ħija l-Iben t'Alla issallab għalik biex imbagħad tgħid li m'hemmx Alla? Ma jimpurtakx mill-passjoni li ħa Kristu għalik? Jiena ngħidlek li għandu jkollok kull interess f'dan il-maħbub Mulej Ġesù!... Qalb ta' Ġesù li sofrejt agunija l-aktar ħarxa fuq is-salib, ikollok ħniena minn dawk kollha li bħalissa waslu biex imutu. Mulej Ġesù tħalli lil ħadd imur ġo l-Infern..."

Dwar l-Ewkaristija Ġuża qalet, "L-Ewkaristija hija ħajja bħalma hu Kristu ħaj... Jgħidu li m'hawnx Alla. Imur jagħmlu dak il-ġmiel li hemm fis-sema dan il-ħelu! Dawn il-profeti ta' żminijietna li jgħidu li ma jemmnux f'Alla imorru jċaqalqu werqa minn siġra, iniżżlu qatra xita mill-arja itellgħu dik il-ġmiel ta' xemx! Intebħu, ħbieb, ħarsu ħarsa lejn Ġesù kurċifiss u araw għalfejn issallab Ġesù Kurċifiss u mhux tgħidu dak il-kliem moqżież li għalikom seta' ma ssallabx Kristu. Dawn ereżijiet, affarijiet mudlama..."

## LULJU 1995

Waqt dina l-laqgħa Ġuża kkundannat il-ksuħat li jkun hemm waqt il-marċijiet fil-festi. Hija qalet, "Dawn l-affarijiet ma jridhomx Alla. Alla serjetà jrid u mħabba, mhux inqaċċtu u niġru wara l-marċ... Issa ġejjin ħafna festi tal-Madonna. Il-Madonna taf xi trid? Serjetà, li nkunu qalb waħda... Il-Madonna ma tridhomx dawn l-affarijiet tad-dinja, affarijiet ta' diżonestà. Il-Madonna qaltli, 'Min ħa joħroġ barra u jimxi wara l-istatwa tiegħi bil-kuruna u jgħid ir-rużarju?'... Ċertu affarijiet għandhom bżonn li jinqatgħu u mhux nibqgħu sejrin hekk għax aktar nagħmlu offiża lill-Mulej milli nagħtuh glorja... Minn dawn il-kummiedji ma jmur xejn fis-sema...

Għandna bżonn nitolbu ħafna speċjalment għal midinbin, għall-agonizzanti u għal dawk li huma suppervi speċjalment dawk li huma responsabbli tal-kefrija li qed issir fil-Bosnija fejn ħafna innoċenti lanqas għandhom x'jieklu u qed jiġu maqtula bil-bombi.

Illum anke kontra l-Papa qegħdin jgħidu li joħroġ biex jilqa' ċ-ċapċip, jgħidu kontra l-Isqfijiet, kontra s-saċerdoti... Irridu nitolbu ħafna għal dawk li qegħdin jagħmlu affarijiet kontra r-rieda t'Alla għaliex la għandu jkollna mibgħeda, la għandu jkollna gwerer u lanqas għandna nifirħu meta naraw lil ħaddieħor marid... Ilqa' bis-sabar is-salib li Alla bagħatlek fuqek, intrabat miegħu u lil ħaddieħor itlob lil Alla sabiex jgħinu u jħenn



għalih u mhux għax marid int tgħid ċertu kliem fuq ħaddieħor... Ara jkollkom xi naqra mibgħeda għal xi ħadd u tgħidu, 'Jiena ma nitlobx għal dik.' Dak it-talb ma jgħoddilkom xejn!..."

## 14 TA' LULJU 1995

Wara diversi talb Ġuża qalet, "Nirringrazzjaw lil Alla li ġabna hawn illum għax din il-laqgħa riditha l-Madonna biex nitolbu għal Malta u għad-dinja kollha... L-iskop li ġejna hawn fuq huwa biex il-mulej ikollu ħniena mid-dinja kollha... Nitolbu biex il-Madonna tikkalma l-Id tal-Mulej bit-talb li ħa nitolbu aħna... Nagħtu ċapċipa kbira lill-Madonna biex tkompli tgħinna f'dan il-vjaġġ tagħna, f'dan il-vjaġġ ta' penitenza... Infaħħru lit-tliet persuni divini tas-Santissima Trinità flimkien mal-Madonna."

Imbagħad inqara dan il-messaġġ. "Jiena ħa ngħidilkom ftit milli għadda minni fil-lejl tal-Ħadd 9 ta' Lulju. Il-ħin ma nafx x'ħin kien, la naf kienet is-siegħa u lanqas iżjed imma dak il-ħin ħassejt illi kemm mard, kemm tbatijiet u kemm feriti moħbija għandi l-Mulej ħadhomli kollha... L-ispirtu ta' ruħi inħossu li ħareġ minn dan il-ġisem marradi tiegħu u mar igawdi ftit il-preżenza tal-Mulej fis-sema... Ħassejt ferħ kbir u dak il-kant tas-sema jien qatt ma smajt bħalu. B'din il-viżjoni sabiħa li l-Mulej ħejja għalija tellagħni ftit fil-glorja tas-sema. Jiena ħassejt il-glorja tas-sema fija..."

Wara li ntqal ir-rużarju Ġuża qalet, "Ngħidilkom li l-Mulej qegħdin nagħtuh glorja kbira ħafna. Intom hawnhekk ġejtu biex tagħtu glorja kbira ħafna lis-sema u nissollevaw ftit il-qalb tal-kbir Alla, tal-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija minn dak li jirċievi fit-tabernakli mqaddsa tad-dinja, nagħtu glorja lill-Ispirtu s-Santu biex inpattu għad-dagħa li jirċievi u npattu għal dawk li ma jemmnux li l-Madonna hija l-omm tal-Feddej Ġesù... Mulej Ġesù itlob lil kbir Alla għalina u għad-dinja kollha... Itlob għad-dinja kollha biex ma jkollniex iżjed gwerer u ġlied u nkwiet..." Il-laqgħa spiċċat bit-Te Deum u bil-Via Sagra.

# Laqgħa Speċjali ta' Tpattija, il-Girgenti

Din il-laqgħa saret il-Ħadd, 27 ta' Awissu 1995, bħala tpattija għad-diskors li sar, dakinhar tal-Assemblea Ġenerali, li bih membru tal-Moviment żeblaħ membri oħrajn u ħadha kontra Saċerdot u Ġuża Mifsud stess u waqqa' ġieħ il-Madonna.

Fl-istess ħin din il-laqgħa serviet biex inpattu għall-inċident skandaluż u sakrilegu li seħħ dan l-istess Ħadd, 27 ta' Awissu, fis-1.30 a.m. fejn intefa' ħmieġ f'wiċċ l-istatwa tal-Madonna u ndilku idejha bl-istess ħmieġ. Tkisser ukoll il-kurċifiss żgħir li hemm imdendel wara l-istatwa tal-Madonna, il-Girgenti. Il-Pulizija ġiet mgħarrfa b'dan l-att vandalu kontra l-Madonna.

Fil-messaġġ tagħha Ġuża ħegget lil kulħadd biex nitolbu bis-sħiħ għax qegħdin f'xifer irdum aktar minn qatt qabel. Sar hawn wisq ħażen kemm f'Malta u kemm fid-dinja kollha.

**Il-Perit Ph. Azzopardi A. & C.E.**

# GRAZZJI MAQLUGĦA

Ninnotaw li fost in-nies li kitbulna biex jirrapportaw grazzji maqlugħa, hemm min ma jagħtix dettalji tal-grazzja li nqalgħet jew ma jixtieqx li jidher ismu. Għalhekk inħeġġu mill-ġdid lil dawk kollha li jiktbulna biex jagħtu it-*telephone number* u l-indirizz tagħhom biex l-Editur ikun jista' jagħmel kuntatt magħhom.

**1. Mrs Tereża Camilleri tirrapporta...**

Rita, il-mara ta' binha Antoine, weldet tarbija fis-7 xahar tat-tqala, fit-22 ta' Lulju, 1994. It-tarbija kienet tidher tajba u b'saħħitha. Imma t-tarbija ma setgħetx tixrob, għalkemm kienet tidher normali. Dan kien il-ġimgħa.

Sar eżami tat-tarbija u ttieħed X-Ray. Ir-riżultat kien li l-gerżuma u l-pipe ta' l-ikel kienu ħaġa waħda. Għalhekk kellha ssir operazzjoni is-Sibt filgħodu.

Inzerta li kien hawn Malta il-professur Bianchi li meta sema' bil-każ tal-*baby* ried li jagħmel l-operazzjoni hu stess peress li din kienet l-ispeċjalità tiegħu. U hawn wieħed forsi jgħid: "X'kumbinazzjoni!"

Is-Sibt fid-9.00 a.m. bdiet l-operazzjoni li damet sejra tliet siegħat. It-talb lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni ma naqasx. Tereża dejjem tattendi il-Laqgħat tal-Girgenti.

L-operazzjoni irnexxiet perfettament u llum; sena wara, it-tifla bl-isem ta' Nicole, tinsab tajba ħafna.

Il-familja Camilleri tirringrazzja lill-Madonna għall-għajnuna tagħha; lil Ġuża Mifsud u 'l dawk kollha li talbu għat-tarbija mingħajr waqfien.

**2. Mill-Familja Cilia ta' B'Kara**

It-tifla Juanita, fl-ewwel ġimgħa ta' Awissu 1994, kienet għand in-nanna tagħha. Juanita waqgħet u kisret il-minkeb. Ommha u missierha ħaduha l-isptar f'xi t-tmienja u nofs ta' filgħaxija. Huma baqgħu mat-tifla li baqgħet tibki il-lejl kollu. is-Sibt filgħodu it-tifla bdiet tibża' u ma setgħetx toqgħod kwieta. Allura, missierha qala' l-labtu tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni minn fuqu u qegħdu fuq it-tifla li siktet mill-ewwel.

Il-Professur Sciberras ra lit-tifla li ġiet imtella' fuq għall-'Push'. Sadattant il-ġenituri ma qatgħux it-talb tagħhom lill-Madonna għat-tifla tagħhom.

Il-'Push' ma sewa għal xejn u meta l-professur ra lit-tifla, it-Tnejn filgħodu, qal li kien hemm bżonn ta' operazzjoni biex ipoġġu l-għadam f'postu. It-talb ma qata' xejn.

Driegħ it-tfla baqa' fil-ġibs għal xi ġimgħatejn. Wara daż-żmien sar X-Ray ieħor. U x'kien ir-riżultat?... L-għadam tal-minkeb kien ġie f'postu mingħajr operazzjoni!...

It-tabib barrani li kien ikkura lit-tifla, meta ra x'kien ġara wera apertament l-għaġeb tiegħu u ddikjara: "*It's incredible!*" u staqsa lil omm it-tifla x'kienet għamlet biex il-minkeb ġie f'loku mingħajr operazzzzjoni... u l-omm wieġbet; "Bqajt nitlob lill-Madonna!"

Il-familja Cilia tirringrazzja lill-Madonna għal dan il-fejqan straordinarju.

**3. Tereża Quatromani, mill-Manikata**

Kitbet u għarfitna li l-*baby* tat-tifel tagħha, l-Awstralja, twieled b'sieqU maqlugħa u ma setgħax jimxi. Hi qalet lit-tifel tagħha biex jitlob ħafna lill-Madonna u bagħtitlu xemgħa li hi kienet imxiet biha wara l-inkwadru tal-Madonna tal-Girgenti. Wara ftit ġimgħat waslitilha l-aħbar li t-tifla imxiet qisha qatt ma kellha xejn. Dan il-fatt sar fl-1993 imma r-rapport waslilna f'Ġunju 1995.

**4. Rita Azzopardi minn Paola**

Tgħid li kellha uġigħ kbir f'ġenbha, tant li kellha tidħol l-isptar. Marret l-ewwel darba għal-laqgħa tal-Girgenti u xorbot mill-ilma tal-Madonna. Minn dakinhar ma ħasset xejn aktar uġigħ.

Rita qaltilna wkoll li t-tifla tagħha kellha qisha materja taħt id-difer tas-seba' l-kbir ta' sieqha. L-isptar qalulha li ma kellha xejn. Wara l-laqgħa tal-Girgenti, meta marru d-dar, it-tifla xorbot mill-ilma tal-Madonna u ħaslet sieqha bih. Dik il-ġimgħa il-materja marret għal kollox. "Grazzi, Madonna, u idħol għalina!"

**5. Persuna taħt l-isem G.B.**

F'Jannar 1995 kitbet u qalet li fl-ewwel ta' Lulju 1994, kellha riġlejha tuġagħha u xarrbitha bl-ilma tal-Girgenti, u talbet lill-Madonna. Minn dakinhar ma ħassetx aktar l-uġigħ.

**6. Maria Abela mill-Fgura, Rose Attard minn Paola, u Grezz Azzopardi minn B'Kara**

Jirringrazzjaw lill-Madonna għall-grazzji li qalgħu.

---

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

---

Ibagħtu l-korrispondenza tagħkom – opinjonijiet – mistoqsijiet – grazzji maqlugħa – kontribuzzjonijiet oħra lil: Editur "Leħen il-Girgenti" Bro. Victor Privitera, F.S.C., Stella Maris College, Gzira.